



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

15961/23
PV CONS 59
EDUC 462
JEUN 274
CULT 169
AUDIO 114
SPORT 60

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport)

23 u 24 ta' Novembru 2023

LAQGĦA TAL-ĦAMIS 23 TA' NOVEMBRU 2023

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 15599/1/23 REV 1.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

Lista mhux leġislattiva

15589/23 + ADD 1

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Attivitajiet mhux leġislattivi

EDUKAZZJONI

3. Konklużjonijiet dwar il-kontribut tal-edukazzjoni u t-taħriġ għat-tisħiħ tal-valuri komuni Ewropej u ċ-ċittadinanza demokratika
Approvazzjoni 14530/23 + ADD 1-2

4. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-fatturi abilitanti ewlenin għas-suċċess tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali (Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikoli 165(4) u 166(4) TFUE)
Adozzjoni  14531/23

5. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-titjib tal-forniment tal-ħiliet diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ (Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikoli 165(4) u 166(4) TFUE)
Adozzjoni  13601/23 + ADD 1-2

6. **Nattiraw talent femminili għad-dixxiplini tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, l-arti u l-matematika (STEAM)**
Dibattitu ta' orjentazzjoni  14702/23

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett ta' hawn fuq abbażi tad-dokument ta' sfond imħejji mill-Presidenza. Ġew skambjati fehmiet dwar l-akbar sfidi biex titnaqqas id-disparità bejn il-ġeneri fid-dixxiplini STEAM u l-inizjattivi li jistgħu jitnedew, kemm fil-kuntest nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew, biex it-talent femminili jiġi attrirat lejn l-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ STEAM.

ŻGĦAŻAGĦ

7. Konklużjonijiet dwar il-promozzjoni tal-integrazzjoni taż-
żgħażaġh fil-proċessi politiċi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-Unjoni
Ewropea 14572/23 + ADD 1
Approvazzjoni
8. Konklużjonijiet dwar approċċ komprensiv għas-saħħa mentali 14489/23 + ADD 1
taż-żgħażaġh fl-Unjoni Ewropea
Approvazzjoni
9. **Unjoni Ewropea li tħares 'il quddiem b'impenn lejn iċ-
ċittadini żgħażaġh tagħha: Ir-rwol taż-żgħażaġh fil-proċessi
tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-UE¹**  14680/23
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq abbażi ta' dokument ta' diskussjoni mħejji mill-Presidenza. Id-delegazzjonijiet ippreżentaw il-miżuri nazzjonali tagħhom biex jinkludu aħjar liż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, b'mod partikolari dawk b'inqas opportunitajiet. Kien hemm appoġġ minn xi delegazzjonijiet għal proposta dwar "test taż-żgħażaġh" bħala parti mill-valutazzjonijiet tal-impatt għall-inizjattivi tal-UE.

Affarijiet oħra

10. Edukazzjoni

- a) Inizjattiva tad-DSA dwar gwardjani fl-iskejjel 14865/23
Informazzjoni mill-Kummissjoni
- b) **Il-Manifest ta' Ljubljana dwar il-Qari**  14839/23
Informazzjoni mid-delegazzjoni Slovena

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mis-Slovenja.

- c) **Is-6 Olimpjad Internazzjonali tal-Mużika għall-
istudenti tal-iskola**  15114/23
(Ayia Napa, Ċipru, 18-20 ta' April 2024)
Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċiprijotta

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Ċipru.

¹ Bil-parteċipazzjoni tal-Viċi President tal-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ.

- d) **Privatezza tad-Data fl-Edukazzjoni Diġitali**  15163/23
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Belġjana u dik
Netherlandiża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Belġju u min-Netherlands.

- e) **Ghajjnuna lill-Ukrajna fis-settur tal-edukazzjoni**  14780/23
Informazzjoni mid-delegazzjoni Żvediża

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Iżvezja.

- f) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mid-delegazzjoni Belġjana

Żgħażaġħ

- g) **Eżitu tad-diskussjoni li saret fil-laqgħa informali waqt
il-kolazzjon tad-Djalogu tal-UE maż-Żghażaġh²** 
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- h) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mid-delegazzjoni Belġjana

² BI-attendenza ta' delegat żaġġuġħ Spanjol u rappreżentant tal-Forum Ewropew taż-
Żgħażaġħ

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

KULTURA, AWDJOVIŻIV U MEDIA

11. Konklużjonijiet dwar it-titjib tad-dimensjoni kulturali u kreattiva fis-settur Ewropew tal-logħob elettroniku 14679/23
Approvazzjoni + ADD 1-3
12. **It-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-artisti u professjonisti oħra fil-qasam kulturali**  14713/23+ COR 1
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq abbażi ta' dokument ta' diskussjoni mħejji mill-Presidenza. L-inizjattiva leġiżlattiva reċenti tal-Parlament Ewropew (l-Artikolu 225 TFUE) li tistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti għal qafas legali tal-UE f'dan il-qasam ipprovdiet il-kuntest politiku għal dan id-dibattitu. Il-ministri ppreżentaw il-miżuri nazzjonali tagħhom biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati, ugwaljanza bejn il-ġeneri, u mobbiltà fis-setturi kulturali u kreattivi. F'dan il-kuntest, il-ministri appoġġaw skambji tal-aħjar prattiki, definizzjoni fl-UE kollha ta' artisti u ħallieqa, bażijiet ta' data komuni, trasferiment bejn il-fruntieri tad-drittijiet tax-xogħol, u qafas istituzzjonali potenzjali li jistabbilixxi status Ewropew ta' artisti.

SPORT

13. Konklużjonijiet dwar in-nisa u l-ugwaljanza fil-qasam tal-isport 14242/23
Approvazzjoni + ADD 1-3

14. **Ambjenti sikuri fl-isport** [2] 14108/23
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq abbażi ta' dokument ta' diskussjoni mħejji mill-Presidenza. Bħala introduzzjoni għad-diskussjoni, il-Kunsill sema' messaġġ bil-vidjo rreġistrat minn qabel mill-Aġent Ministru għaż-Żgħażaġħ u l-Isport tal-Ukrajna. Bosta Stati Membri fakkru fis-solidarjetà tagħhom mal-Ukrajna. Huma ppreżentaw ukoll il-passi li ħadu biex jipprovdu ambjenti sikuri fl-isport u skambjaw ħsibijiet dwar miżuri possibbli li jistgħu jiġu kkoordinati fil-livell Ewropew f'dan ir-rigward. Diversi Stati Membri enfasizzaw il-ħtieġa li titkompla l-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Saint-Denis.

Affarijiet oħra

15. **Kultura/Awdjoviżiv**

- a) **Proposti leġislattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

Regolament dwar l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media [1][C] 12413/22
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- b) **Rendikont tal-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2021 dwar l-irkupru, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-setturi kulturali u kreattivi** [2] 14827/23
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- c) **Il-manifest ta' Ljubljana dwar il-qari** [2] 14842/23
Informazzjoni mid-delegazzjoni Slovena

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mis-Slovenja.

- d) **L-għażla tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2028, České Budějovice**  14841/23
Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċeka

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta miċ-Ċekja.

- e) **Preżentazzjoni tal-programmi għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura 2024 ta' Bad Ischl Salzkammergut (l-Awstrija) u Tartu (l-Estonja)**  14973/23
Informazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka u dik Estonjana

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija u mill-Estonja.

- f) **Pass Culture u KulturPass**  14972/23
Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża u dik Ġermaniża

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza u l-Ġermanja.

- g) **Pjattaforma b'diversi partijiet ikkonċernati biex jiġi promoss l-irkupru tal-wirt kulturali tal-Ukrajna**  15609/23
Informazzjoni mid-delegazzjoni Taljana

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Italja.

- h) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
Informazzjoni mid-delegazzjoni Belġjana

Sport

- i) **Id-dimensjoni Ewropea tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku ta' Pariġi 2024**  14845/23
Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza.

- j) **Id-dimensjoni Ewropea tal-Kampjonat Ewropew tal-Futbol tal-2024 fil-Ġermanja**
Informazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża

15186/23

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja.

- k) Aġenzija Dinjija tal-Antidoping (WADA): Laqgħa tal-Bord ta' Fondazzjoni (17 ta' Novembru 2023)
Informazzjoni mir-Rappreżentant tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA
- l) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mid-delegazzjoni Belġjana

-
- ❶ L-ewwel qari
- ❷ Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
- ❸ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-